**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 13 ta` Lulju 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 204/2018 JZM**

**Arkitett Raymond Vassallo**
**ID 107544(M)**

***u***

**ghal kull interess li jista` jkollha martu Mariella Vassallo, ID 2649(M)**

***kontra***

**Anthony Parlato Trigona u l-Perit William Carbonaro f`isimhom proprju u bhala Diretturi tas-socjetajiet Regent Holdings Limited (C.21310) u ta` Winex Holdings**

**Limited, is-socjeta` Regent Holdings Limited ghar-raguni ta` procedura; u ghall-istess raguni Winex Holdings Limited (C.21511), illum kif rapprezentata mill-istralcarju Dr Andrew Chetcuti Ganado**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-<u>1 Marzu 2018</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi dan huwa rikors a tenur tal-Art. 402 tal-Companies Act (Kap 385) fejn l-attur, fil-kapacita` tieghu bhala wiehed minn erba` azzjonisti b`ishma ndaqs fis-socjeta` Regent Holdings Ltd, qed jinvoka oppressjoni u pregudizzju ngust minhabba agir diskriminatorju kontrieh da parti tal-bord tas-socjeta` msemmija.*

*2. Illi s-sottofond huwa illi s-socjeta` Regent Holdings Ltd. hallset lil kull wiehed mill-azzjonisti, izda ad eskluzjoni tal-attur, ammont ekwivalenti ghal kwart kull wiehed minn sehem is-Share Capital li s-socjeta` Regent Holdings ghandha fis-socjeta` sussidjarja Winex. Il-hlasijiet imsemmija saru taht forma ta` self li jigi pacut fil-futur, max-xoljiment tas-socjeta` Winex li qieghda in dissolution, f`liema stadju l-imsemmi Share Capital jigi mqassam bejn l-azzjonisti. Il-bord tas-socjeta` Winex kien ga segwa din il-procedura sabiex l-azzjonisti jkunu jistghu jgawdu il-flejjes relattivi minnufih, minghajr il-bzonn li jistennew il-proceduri twal li jintemmu fix-xoljiment riferit u flok ma jhallu ammont sinjifikanti ghand il-likwidatur. In fatti, fit-18 ta`Mejju 2017 is-socjeta` Regent irceviet sehemha ekwivalenti ghal €475,192, bhala azzjonista ghall-ammont ta` 51% fis-socjeta` sussidjarja Winex. Fl-istess jum, is-socjeta` Regent hallset circa €120,000 lil kull wiehed mit-tliet azzjonisti l-ohra waqt li l-attur, bhala r-raba` azzjonist, thalla barra. Sehem l-attur ghadu mizmum mis-socjeta` Regent u qed jidher fil-kontijiet taghha, taht "Shareholders` loan".*

*3. Illi r-rikorrent jikkontendi li huwa qed isofri trattament diskriminatorju ingust u mhux gustifikat billi huwa ghadu azzjonista sal-lum u registrat bhala tali fis-socjeta` Regent. Ghalhekk, ghandu jgawdi l-istess kundizzjonijiet u beneficcji li jgawdu t-tliet azzjonisti l-ohra. Ta` min isemmi lli l-erba` azzjonisti riferiti kienu anki l-ewwel erba` diretturi tas-socjeta` Regent. Izda fis-sena 2009, it-tliet azzjonisti l-ohra kienu nvokaw l-Art 140 tal-Companies Act u nehhew lill-attur minn direttur. Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2017 fill-kawza750/2009 JZM, il-Qorti ddikjarat illi t-tnehhija in kwestjoni kienet tammonta ghal ksur tal-Art. 402. Izda flok ma tat rimedju ghal dan il-ksur hija ordnat li sehem l-attur fis-socjeta` Regent kellu jigi stmat mill-awditur Michael Spiteri Bailey u jinxtara mit-tliet azzjonisti l-ohra bl-attur ihallas nofs l-ispejjes involuti. Naturalment, id-diskriminazzjoni mwettqa kontra l-attur ser twassal ghat valutazzjoni oghla tal-azzjonat tieghu b`impatt fiskali akbar relatat mat-trasferiment ordnat mill-Qorti. Kieku sar l-istess hlas lill-esponent, taht l-istess forma ta` self kieku l-azzjonljiet tal-attur ma kienx jibqalhom valur u l-ispejjes tat-trasferiment imsemmi kienu jkunu minimi. Inoltre, id-diskriminazzjoni mwettqa kontra l-attur tinvolvi zamma ta` somma sinjifikanti dovuta lilu, ghal peridodu li probabbilment ser jaqbez sena. Il-Qorti hija mitluba tikkonsidra illi dan kien kas mhux biss ta` nkejja, izda wiehed li cahhad lill-attur mill-opportunita` li jinvesti s-somma sinjifikanti u jiggenera qliegh ferm akbar minn semplice interessi, billi huwa perit u nvestitur edilizju.*

*4. Illi dan huwa Rikors anki a tenur tal-Art. 402 (3)(e) tal-Companies Act, fejn l-attur, fl-istess kapacita`, qed jitlob lill-Qorti biex tawtorizzah jibda procedimenti f`isem u ghan-nom tas-socjeta` Regent Holdings Limited, li ghandha 51% tal-azzjonat tas-socjeta` sussidjarja Winex Holdings Limited, kontra l-istess l-konvenuti jew uhud minnhom, u, ghar-raguni ta` procedura, kontra l-istess socjeta` sussidjarja Winex Holdings Limited, biex jintalab rimedju ghal serje ta` abbuzi li involvew self-dealing u insider trading da parti tal-intimati jew uhud minnhom, bhala diretturi fis-socjeta` sussidjarja Winex Holdings;*

*Din id-darba s-sottofond huwa :-*

*4.1 Illi hames parkeggi gew mibjugha lil tnejn mid-diretturi bi prezz sostanzjalment ridott u minghajr ebda process ta` offerta lill-azzjonisti l-ohra jew lill-pubbliku fis-suq miftuh;*

*4.2 Illi d-Diretturi hallsu lilhom infushom flejjes u ammonti fuq pretest illi dawn il-hlasijiet kienu `due diligence fees`. Infatti huma hlasijiet arbitrarji minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-general meeting tal-azzjonisti; fi kwalunkwe kaz, due diligence fees huma spiza tal-kompratur u mhux pagabbli lid-Diretturi personalment tal-kumpanija venditrici;*

*4.3 Illi inoltre, l-intimati jew xi whud minnhom personalment hallsu lilhom nfushom ghal-hin li huma ddedikaw lis-socjeta` Winex bhala diretturi, meta fil-passat din ma kenitx il-prattika, specjalment meta l-attur kien ukoll direttur ghal hafna snin. L-oppressjoni u l-pregudizzju ngust kontra r-rikorrent jiehdu xejra aktar gravi meta wiehed jikkonsidra s-sentenza riferita qabel fis-sens li t-tnehhija tieghu minn direttur ivvjolat l-Art. 402 billi s-socjeta` hija `quasi-partnership` u d-diretturi azzjonisti ghandhom aspetativi legittimi dwar partecipazzjoni ekwitabbli fil-bord tas-socjeta`.*

*4.4 Illi dan kollu huwa abbuz mid-diretturi tad-doveri fiducjarji bazici taghhom kif kodifikat in parte mill-art 136A tal-Companies Act, u mid-dottrina u prattika accettata, inkluzi il-corporate opportunity doctrine applikabbli ghad-diretturi u fiducjarji, ghaliex ghamlu qligh u profitt ingustifikat u minghajr approvazzjoni tal-general meeting;*

*4.5 L-abbuzi rikjamati fil-paragrafi 4.1., 4.2 u 4.3 ikkawzaw telf patrimonjali lis-socjeta` Regent, ekwivalenti ghal 51% tat-telf soffert mis-socjeta` sussidjarja Winex.*

*5. Illi dan huwa Rikors a tenur tal-Art. 402 tal-Companies Act (Kap 386) fejn r-rikorrent qed jidher ukoll fil-kapacita` tieghu bhala membru dirett fis-socjeta` Winex Holdings Ltd. ghas-sehem ta` 2%, u qed isofri l-istess oppressjoni u pregudizzju ngust emanenti mill-abbuzi rikjamati fil-paragrafu 4.1, 4.2, 4.3 u 4.4. F`din il-kapacita`, l-attur isofri 2% tat-telf partimonjali kkawzat mill-abbuzi riferiti lis-socjeta` Winex.*

*6. Illi l-esponenti sofrew pregudizzju bhala azzjonisti minoritarji ghaliex il-valur u l-patrimonju tal-kumpaniji Winex u Regent u l-azzjonijiet taghhom f`dawn iz-zewg kumpaniji gew abuzivament ridotti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti :*

*(i) Issib u tiddikjara li l-agir tal-intimati kien oppressiv, diskriminatorju u ta` pregudizzju, kollha ingusti u bi vjolazzjoni tal-Art. 402 tal-Companies Act fil-konfront tar-rikorrenti.*

*(ii) Tordna lis-socjeta` Regent thallas lill-attur l-istess ammont mhallas lil kull wiehed mit-tliet azzjonisti l-ohra b`interessi mit-18 ta` Mejju 2017 sad-data tal-hlas effettiv.*

*(iii) Tillikwida t-telf patrimonjali abbazi tal-provi li l-attur ser jipproduci waqt is-smigh.*

*(iv) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent danni ekwivalenti ghal kwart ta` 51% fir-rigward tat-telf patrimonjali soffert mill-azzjonat tieghu fis-socjeta` Regent u 2% tat-telf patrimonjali soffert mlll-azzjonat tieghu dirett fis-socjeta` Winex.*

*(v) Tawtorizza lill-esponenti sabiex f` isem is-socjeta` Regent Holdings Limited tibda procedura kontra l-intimati, jew min minnhom fuq il-bazi tas-suespost.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta li pprezenta Anthony Parlato Trigona fil-<u>21 ta` Mejju 2018</u> li taqra hekk :-

*1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ma ghandhomx l-interess guridiku rikjest mil-ligi sabiex jipproponu l-kawza odjema f`dak illi jirrigwarda l-lanjanzi kollha msemmija fil-kuntest ta` Regent Holdings Limited in kwantu b`digriet tal-31 ta` Jannar 2017 din l-Onorabbli Qorti fil-kawza bin-numru 750/A9/JZM ordnat illi l-ishma kollha regstrati f` isem il-Perit Vassallo jigu trasferiti lill-azzjonisti kollha liema trasferiment mhux suggett ghall-ebda revisitazzjoni, rievalwazzjoni jew sindakabbilita` da parti tar-rikorrenti.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-lanjanzi mressqa kemm fil-kuntest ta` Regent Holdings Limited kif ukoll ta` Winex Holdings Limited ma huma xejn ghajr allegazzjonijiet riciklati u fundamentalment inveritieri ghaliex l-azzjonisti kemm ta` Regent Holdings Limited kif ukoll ta` Winex Holdings Limited dejjem u f`kull hin gew stmati ezattament l-istess u ma ttiehed l-ebda pass mill-esponent - qatt - li ma kienx debitament sanzjonat, approvat, ekwu u skont il-ligi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat. L-allegazzjonijiet rikorrenti huma ghalhekk manifestament infundati fil-fatt u fid-dritt kif sejjer jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta` din il-kawza u ghandhom jigu respinti minnufih bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*3. Illi jrid jinghad li din il-kawza hija wahda spekulattiva immens, ma giet preceduta bl-ebda forma ta` pre-avviz ta` kwalsiasi natura u hija invenzjoni strategika intiza biss sabiex ir-rikorrenti Vassallo jistultifikaw l-ezekuzzjoni tas-sentenza bin-numru 750/2009/JZM u fl-istess nifs jittentaw iwaqqfu l-istralc ta` Winex Holdings Limited ghal skopijiet li jafu huma biss.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet ta` insider trading imsemmija fir-rikors promotur huma ghal kollox irrizorji in kwantu, apparti li qed jigu bl-aktar mod car respinti fis-sustanza, is-socjeta` Winex Holdings Limited naturalment mhix socjeta` pubblika u kwindi lanqas biss ma tinbet l-ebda analizi ta` insider dealing.*

*5. Illi din ir-risposta qed tirribatti l-allegazzjonijiet kollha mressqa fir-rikors promotur fl-intier taghhom izda qieghda tinzamm fil-qosor. Il-fatti sejrin kollha jigu ampjament ippruvati aktar tard ghaliex huwa bil-wisq car illi r-rikorrenti ma ghandhom l-ebda l-icken prova tal-lanjanzi li qed iressqu - ghaliex il-lanjanzi mhux veri - u din il-kawza qed tintuza bhala fishing expedition sabiex ir-rikorrenti jittentaw jiksbu informazzjoni li m`ghandhomx dritt ghaliha u sabiex jimmanipolaw l-istess u juzaw tali informazzjoni f`kuntesti ohrajn. Huwa ghalhekk li kull dikjarazzjoni ta` natura fattwali sejra tigi riservata ghall-istadju fejn ikun proceduralment imiss li jitressqu l-provi tal-intimati u mhux issa.*

*6. Bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra r-rikorrenti.*

Rat ir-risposta li pprezenta Perit William Carbonaro fit-28 ta` Mejju 2018 li taqra hekk :-

*1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jonqoshom l-interess guridiku rikjest mil-ligi sabiex jipproponu u jissoktaw bil-kawza odjerna f`dak illi jirrigwarda l-lanjanzi kollha msemmija fil-kuntest ta` Regent Holdings Limited. Bil-provvediment* ***__finali__*** *Taghha tal-31 ta` Jannar 2017 moghti fl-atti tal-kawza bin-numru 750/09JZM fl-ismijiet "Arkitett Raymond Vassallo vs Anthony Parlato Trigona et`, l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili ordnat illi l-ishma kollha tar-rikorrenti Vassallo f`dik il-kumpanija jigu trasferiti lill-azzonisti kollha l-ohra fi zmien xahrejn mid-data li fiha tkun giet konfermata bil-gurament ir-relazzoni tal-Awditur Michael Spiteri Bailey - liema relazzoni (vide l-anness Dok. "A") giet kkonfermata mill-istess Awditur seduta stante fis-27 ta` Marzu 2018 (vide l-anness Dok. "B"). B`hekk l-imsemmi provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 ghalaq l-kapitolu bejn ir-rikorrenti u l-esponent ghal dak li ghandu x`jaqsam ma` Regent Holdings Limited darba ghal dejjem certament ghal dak li ghandu x`jaqsam ma kwalsiasi rimedju li jipprovdi l-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpaniji in konnessjoni mas-socjeta` Regent Holdings Limited.*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet rikorrenti kollha interposti mir-rikorrenti Mariella Vassallo ghandhom jigu rigettati immedjatament bl-ispejjez stante li hekk kif jirrizulta u okkorrendo hekk kif jigi ppruvat ulterjorment, l-istess rikorrenti m`hijiex azzonista fis-socjeta` Regent Holdings Limited (vide l-anness Dok. "C") u lanqas ma hi azzjonista fis-socjeta`Winex Holdings Limited (vide l-anness Dok. "D") u ghalhekk jonqosha l-interess guridiku li tadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti taht l-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpaniji in konessjoni ma` dawn l-istess zewg kumpanniji.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-allegazzonijiet kollha esposti fir-rikors promotur, komprizi dawk dwar tmexxija irregolari, diskriminatorja u abbuziva, huma kollha michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-allegazloni li l-eccipjent wettaq atti li kienu ta` pregudizzju mhux gust fil-konfront tar-rikorrenti hija wkoll michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-rikorrenti ma soffrew l-ebda telf patrimonjali u/jew danni sindakabbli u /jew kanonizzabbli entro t-*

*termini tal-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpaniji, u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, ghalhekk ukoll it-talba biex r-rikorrenti jigu awtorizzati jibdew proceduri f` isem Regent Holdings Limited kontra l-intimati jew kontra min minnhom hija daqstant iehor mhux munita bl-interess guridiku rikest mil-ligi, frivola, vessatorja u infondata fil-fatt u fid-dritt, u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza.*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, anzi bil-kontra, il-pregudizzju mhux gust qed jigi rrekat mir-rikorrent Raymond Vassallo billi qed jipprova jxejjen u/jew jbiddel l-effetti tal-precitat provvediment FINALI tal-31 ta`Jannar 2017.*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, f`kull kaz, r-rikorrenti ghandhom jippruvaw sal-grad rikjest mil-ligi dak kollu minnhom allegat u pretiz fil-procedimenti odjerni, hekk kif dell` resto ghandhom jippruvaw l-interesss guridiku taghhom rikjest mil-ligi sabiex jipproponu u jissoktaw bl-istess procedimenti odjerni.*

*9. Bir-rizerva ta` eccezzonijiet ulterjuri.*

*10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta` kull jedd spettanti lill-eccipjent fil-konfront tar-rikorrenti.*

Rat ir-risposta li pprezentat Regent Holdings Limited fit-30 ta` Mejju 2018 li taqra hekk :-

*1. Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet maghmula fir-rikors promotur, in kwantu li jolqtu s-socjeta` eccipjenti, komprizi dawk dwar tmexxija irregolari, diskriminatorja u abbuziva huma kollha michuda u huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ma jikkonkorrux ir-rekwiziti biex dina l-Onorabbli Qorti tiehu provvedimenti u/jew taghti ordnijiet a tenur tal-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpaniji fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti.*

*3. Illi f`dak li jirrigwarda allegazzjonijiet u talbiet imressqa fil-konfront tal-Perit William Carbonaro u tas-Sur Anthony Parlato Trigona s-socjeta` esponenti tirrimetti ruhha ghall-gudizzju tal-Qorti.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta li pprezenta Dr Andrew Chetcuti Ganado fil-kwalita` tieghu ta` stralcjarju ta` Winex Limited fit-<u>3 ta` Ottubru 2018</u> fejn irrimetta ruhu ghal kull digriet, decizjoni jew direttiva tal-qorti.

**Rat illi fl-udjenza tal-31 ta`Mejju 2018 il-partijiet kienu diretti sabiex jittrattaw biss l-eccezzjonijiet preliminari li jirrigwardaw l-interess guridiku tar-rikorrenti.**

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta` Novembru 2019 ir-rikorrent iddikjara illi r-rikors odjern kien ipprezentat wara l-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017, u qabel il-formalizzazzjoni mar-Registratur tal-Kumpanniji u r-registrazzjoni tax-*share transfers*.

Rat ukoll illi fl-istess udjenza l-intimati rregistraw qbil dwar il-fatti kif spjegati mir-rikorrenti izda fl-istess waqt ikkontestaw is-sostenibbilta` legali ta` dawk il-fatti fil-kuntest tal-provvediment moghti mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta` Jannar 2017. Inoltre nghad mill-intimati li r-rikorrent ma kienx ghadu nkluz fil-lista tal-membri tas-socjeta` in kwistjoni, u kwindi certament ma kellux interess guridiku fid-data tal-prezentata tar-rikors odjern.

**Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghall-provvediment dwar l-eccezzjonijiet preliminari li jirrigwardaw l-interess guridiku tar-rikorrenti.**

Rat il-provi.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Provi</u>

### 1. <u>Il-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 moghti mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet *Perit Raymond Vassallo et vs Regent Holdings Limited et (Rik. Nru. 750/09 JZM)*</u>

Il-parti dispozittiva ta` dak il-provvediment kienet tghid hekk :

*Il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwal l-eccezzjonijiet billi :*

*Tiddikjara illi – ghar-ragunijiet biss li ndikat aktar kmieni fil-Parti V.1.i. ta` dan il-provvediment – issib li kienu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art 402(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Bl-applikazzjoni tal-Art 402(3) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta :*

*1) Tordna l-bejgh tal-ishma kollha li ghandhom ir-rikorrenti f`Regent Holdings Limited (C-2130).*

*2) Tordna lill-intimati Perit William Carbonaro, Perit Edward Micallef u Anthony Parlato Trigona bhala diretturi ta` Regent Holdings Limited (C-2130) sabiex sa mhux aktar minn erba` (4) xhur mil-lum jipprezentaw fir-*

*Registru ta` din il-Qorti l-ahhar full audited accounts approvati skont il-ligi, u l-management accounts sal-lum tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130).*

*3) Tahtar lill-Awditur Michael Spiteri Bailey sabiex sa zmien sitt (6) xhur mil-lum jistabilixxi kemm jiswa` fid-data tal-lum kull sehem tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130). Ghandu jaghmel dan billi jipprezenta fl-atti ta` dan il-procediment relazzjoni li ghandu jahlef quddiem ir-Registratur tal-Qorti jew rapprezentant tieghu.*

*4) Tordna lill-intimati Perit William Carbonaro, Perit Edward Micallef u Anthony Parlato Trigona bhala diretturi ta` Regent Holdings Limited (C-2130) sabiex jaghtu lill-Awditur Michael Spiteri Bailey access shih ghal kull taghrif li jkun jehtieg sabiex jespleta l-inkariku tieghu.*

*5) Tordna illi abbazi tal-prezz li jistabilixxi l-Awditur Michael Spiteri Bailey ghandhom jinbieghu l-ishma kollha tar-rikorrenti fil-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) fi zmien xahrejn mid-data li fiha tkun giet konfermata bil-gurament ir-relazzjoni tal-Awditur Michael Spiteri Bailey.*

*6) Tordna li l-akkwist tal-ishma kollha tar-rikorrenti fil-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) skont il-prezz stabbilit mill-Awditur Michael Spiteri Bailey ghandu jsir mill-membri l-ohra tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) b`dan illi kull membru ma jkunx jista` jakkwista aktar minn terz tal-ishma tar-rikorrenti, jekk mhux bil-kunsens bil-miktub tal-membri l-ohra.*

*7) Tordna lill-Awditur Michael Spiteri Bailey sabiex jissorvelja – b`mod attiv u liberu – il-process kollu tal-bejgh u tat-trasferiment tal-ishma tar-rikorrenti lill-membri l-ohra tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130).*

*8) Tordna li dan il-provvediment ghandu jipprevali fuq id-disposizzjonijiet tal-memorandum u l-articles of association tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) u tordna li ma jsir l-ebda bdil fil-memorandum u l-articles of association tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) sakemm isir il-bejgh u t-trasferiment tal-ishma kif fuq inghad.*

*9) Tordna lill-partijiet, individwalment jew flimkien, sabiex fi zmien hmistax-il jum mid-data li jkun sar l-akkwist u t-trasferiment tal-ishma skont il-provvediment tal-lum jipprezentaw nota fl-atti ta` dan il-procediment fejn jigi dikjarat li jkun sar l-akkwist u t-trasferiment tal-ishma.*

*Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluz il-procedura tal-bejgh u trasferiment tal-ishma, kif ukoll id-drittijiet u l-ispejjez tal-Awditur Michael Spiteri Bailey ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-intimati.*

**2. <u>Il-provvediment ta` din il-Qorti fir-Rik. Nru. 750/2009/3 JZM tat-28 ta` Mejju 2019 fl-Atti tal-Proceduri 750/09 JZM fl-ismijiet *Perit Raymond Vassallo et vs Regent Holdings Limited et*</u>**

Fit-3 ta` Settembru 2018, ir-rikorrenti odjerni kienu pprezentaw rikors fejn intalab sabiex din il-Qorti *fl-interess tal-gustizzja ahjar tirrevoka id-digriet tal-31 ta` Jannar 2017, contrario imperio, u minflok, taghti kull direttiva u rimedju opportun fic-cirkostanzi, inkluz jekk ikun il-kaz li tordna x-xoljiment tas-socjeta` Regent Holdings Limited, u dejjem taht il-provvedimenti li jidhrilha xierqa.*

Kienet eccepit mill-intimati fit-tieni eccezzjoni taghhom l-improponibilita` u/jew irritwalita` tal-procedura adoperata mir-rikorrenti sabiex jitolbu r-revoka tal-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017.

Fil-provvediment li tat fit-28 ta` Mejju 2019, kienet milqugha din it-tieni eccezzjoni, u michuda t-talba tar-rikorrenti, spejjez ghar-rikorrenti.

**3. <u>Il-procediment quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet *Raymond Vassallo vs l-Avukat Generali (Rik. Nru. 117/19 AF)*</u>**

Ir-rikorrenti ressqu bhala prova kopja tar-rikors li pprezentaw fis-16 ta` Lulju 2019 fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fejn il-qorti kienet mitluba tiddikjara li l-provvediment fuq riferit tal-31 ta` Jannar 2007 kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif dawn huma mharsa bl-Art 6 u bl-Prot 1 Art 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u bl-Art 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta. Il-kawza ghadha *sub judice.*

## 4. Ix-xiehda tar-rikorrent

**Perit Raymond Vassallo** xehed illi minkejja l-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 sa dakinhar li xehed u cioe` sas-26 ta` Frar 2019 huwa kien ghadu jidher bhala membru ta` Regent Holdings Limited ("**Regent**"). Ladarba hekk huwa l-kaz, allura ghandu interess guridiku sabiex imexxi bl-azzjoni odjerna. Ladarba ghadu ma rceviex dak dovut lilu ghandu l-interess jagixxi.

**Fil-kontroezami** xehed illi huwa ma ntavolax kawza *ad hoc* sabiex jattakka l-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017.

Ir-rikorrent rega` xehed fil-11 ta` Lulju 2019.

**Perit Vassallo** stqarr illi hu ma kienx deher ghat-trasferiment tal-ishma. Minfloku deher kuratur li kien appuntat mill-qorti.

Stqarr illi d-dritt tieghu ta` azzjoni jedderiva mill-fatt illi Regent ghandha 51% tal-ishma ta` Winex Holdings Limited ("**Winex**"). Bhala beneficjarju ta` Winex qal li jikkwalifika ghal dritt ta` azzjoni ghal sehem mir-*retained profits* kemm jekk dawn jitqassmu bhala *dividend* kif ukoll jekk ikun sehem mis-*share capital* li ghadha trid tircievi Regent meta tkun xjolta Winex.

Kompla xehed illi fl-2004 sehh tnaqqir fil-patrimonju ta` Winex li taghha huwa azzjonista. Mal-mewt tal-mara ta` huih f`Jannar 2019 huwa wiret ishma f`Winex ghalkemm it-trasferiment ta` dawn l-ishma kien ghadu ma sarx minhabba dewmien dovut lill-awditur tal-kumpannija. Sa dakinhar kellu biss 2% tas-*shares* f`Winex peress illi t-trasferiment tal-ishma l-ohra ma kienx ghadu sar.

Fisser illi wara li nghata l-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 huwa kien talab ir-revoka ta` dak il-provvedeiment *contrario imperio* izda t-talba tieghu kienet respinta. In segwitu pprezenta protest gudizzjarju fejn gharraf lill-intimati li kien sejjer izommhom responsabbli ghad-danni konsegwenzjali ghat-trasferiment tal-ishma li sar minghajr il-partecipazzjoni u r-rieda tieghu. Qal ukoll li kien ser jipprezenta kawza kostituzzjonali.

## 5. Dokumenti

### a) Esebiti mill-intimat Carbonaro

B`nota tal-11 ta` Lulju 2019 l-intimat Perit Carbonaro pprezenta sitt dokumenti[1] dwar it-trasferiment tal-ishma ta` Regent li sehh fl-24 ta` Gunju 2019 fil-11:00 a.m. fil-Bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta, skont il-provvediment ta` din il-Qorti tat-3 ta` Gunju 2019 fl-atti tar-rikors 750/09/2 JZM. F`dak il-provvediment kienet mahtura Av Dr Anna Mifsud Bonnici sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci. Jirrizulta mill-Form T (Dok. K2 a fol. 87) illi r-registrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma saret fis-27 ta` Gunju 2019.

### b) Esebiti mir-rikorrenti

[1] Vide Dok. K2 sa K7 a fol. 87 sa 102 tal-process.

Kienet prezentata Form T[2] registrata fil-25 ta` Ottubru 2019 mnejn jidher illi b`effett mill-31 ta` Ottubru 2019 kellu jsir it-trasferiment ta` 60,000 Ordinary Shares f`Winex li r-rikorrent kiseb b`successjoni minghand il-mejta Marie Vassallo. Kien esebit l-att kawza mortis[3] tal-4 ta` Lulju 2019.

## III. <u>Il-kawza odjerna</u>

**Din il-kawza kienet intavolata abbazi tal-<u>Art 402 tal-Kap 386</u>.**

Se ssir referenza ghal dawk mis-subartikoli tal-Art 402 li ghandhom rilevanza ghall-istanza tal-lum :–

> *(1) Kull membru ta` kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*
>
> *…*
>
> *(3) Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) … il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista` taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa -*
>
> *(a) li jirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija fil-futur ; jew*

---

[2] Dok. RV 2 a fol. 118
[3] Dok. RV3 a fol. 119 sa 124.

*(b) jirrestringi jew jipprojbixxi l-ghemil ta` xi att propost ; jew*

*(c) jehtieg lill-kumpannija li taghmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li taghmel ; jew*

*(d) jipprovdi ghax-xiri tal-azzjonijiet ta` xi membri tal-kumpannija minn membri ohra tal-kumpannija jew mill-kumpannija nnifisha u, f`kaz ta` xiri mill-kumpannija, ghat-tnaqqis li jkun mehtieg fil-kapital azzjonarju mahrug tal-kumpannija jew*

*(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti f`isem u ghan-nom tal-kumpannija ; jew*

*(f) jipprovdi ghall-hlas ta` kumpens minn dik il-persuna li tista` tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni ; jew*

*(g) ixolji l-kumpannija u jipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.*

*(4) Meta jsir ordni ghax-xoljiment ta` kumpannija skond is-subartikolu (3)(g), il-kumpannija ghandha titqies li tkun xoljiet fid-data meta jkun sar l-ordni u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tat-Taqsima V ta` dan l-Att li jirregolaw l-istralc ta` kumpanniji ghandhom japplikaw.*

*(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista` jehtieg lil kumpannija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatut taghha.*

Sabiex tinghata ordni skont kif previst fis-subartikoli (3), (4) u (5) tal-Art 402, hija <u>tassattiva</u> l-prova tal-att li minnu jkun qed jilmenta r-rikorrent.

Dan ifisser illi jekk abbazi tal-provi, il-qorti tkun sodisfatta li jirrizulta dak previst fis-subartikolu (1), allura tghaddi mbaghad biex taghti l-ordni li jidhrilha opportuna skont is-subartikoli l-ohra.

Jekk il-prova tkun insodisfacjenti ghaliex ma jkunx irrizulta dak previst mis-subartikolu (1), allura l-qorti ghandha tieqaf hemm, u m`ghandhiex tapplika s-subartikoli l-ohra.

Ghalhekk il-prova tas-sussistenza legali u fattwali ta` dak li jipprovdi s-subartikolu (1) huwa pregudizzjali ghall-prosegwiment tal-azzjoni.

**<u>Dan premess</u>, apparti kontestazzjoni fil-mertu, fil-kawza tal-lum, inghataw ukoll eccezzjonijiet preliminari mill-intimati Parlato Trigona (l-ewwel eccezzjoni) u Carbonaro (l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet) fejn qeghda tkun eccepita l-karenza ta` interess guridiku taz-zewg rikorrenti.**

**Ladarba nghataw eccezzjonijiet li jinvestu l-*locus standi* tar-rikorrenti sabiex jistitwixxu l-azzjoni, il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet sabiex qabel tqis il-mertu tal-ilment tar-rikorrenti u tar-rimedji li qeghdin jintalbu, isiru provi u sottomissjonijiet li jirrigwardaw <u>biss</u> dawk l-eccezzjonijiet preliminari u taghti provvediment dwarhom.**

Ghalkemm fil-kaz tar-rikorrenti Mariella Vassallo kien hemm eccezzjoni preliminari li tiddisputa l-interess guridiku taghha partikolari, l-eccezzjoni tiddependi ghas-siwi taghha fuq jekk ir-rikorrent zewgha ghandux interess guridiku. Jekk issib li zewgha Perit Raymond Vassallo ghandu l-interess rikjest mil-ligi, allura f`dak il-kaz il-Qorti tghaddi biex tistharreg tiswiex it-tieni eccezzjoni li kienet diretta mill-intimat Carbonaro kontra r-rikorrenti Mariella Vassallo. Jekk ma ssibx li Perit Vassallo ghandu l-interess guridiku, allura l-eccezzjoni partikolari ghal martu Mariella Vassallo taqa` wkoll bhala konsegwenza ghaliex Mariella Vassallo hija rikorrenti fil-kawza ghal kull interess li jista` jkollha bhal mart il-Perit Vassallo.

Jidher illi Perit Vassallo mexxa bl-azzjoni bhala azzjonista ta` Regent li ghandha 51% tal-ishma ta` Winex. F`din tal-ahhar ighid li de proprio huwa azzjonista taghha wkoll.

Skont l-intimati, anke jekk jirrizulta li meta kienet istitwita l-azzjoni Perit Vassallo kien ghadu mnizzel fil-lista tal-membri ta` Regent, fil-mori ta` din il-kawza huwa ma baqax membru wara li kien ifformalizzat it-trasferiment tal-ishma li kellu r-rikorrent. Ghalhekk l-interess guridiku tar-rikorrent spicca mallli kien formalizzat it-trasferiment tal-ishma.

## IV. L-interess guridiku

Fis-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta` April 2013 fil-kawza fl-ismijiet "**Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta**" inghad hekk :-

> *Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni.*
>
> *Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet Manche` vs Montebello (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett*

*materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet Cortis vs Bonello (Kollez. Vol: XXXI.i.218).*

*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet Sammut et noe vs Attard (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabbilit ukoll mill-qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Caruana (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet Ignazio Gatt vs Michael Debono et).*

*Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet Axiaq vs Mizzi noe et (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet Scolaro vs Bailey (Kollez. Vol: XXVII.ii.195).*

(ara wkoll is-sentenzi moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawza fl-ismijiet "**<u>MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera</u>**" u 26 ta` April 2012 fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et</u>**" fejn hemm citata gurisprudenza kopjuza u ezawrienti)

## V. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

Bil-provvediment tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili moghti fil-31 ta` Jannar 2017 (*supra*) f`kawza promossa mir-rikorrenti, kien ordnat il-bejgh tal-ishma kollha li kellhom ir-rikorrenti f`Regent favur l-azzjonisti l-ohra. It-trasferiment tal-ishma kellu jsir fi zmien xahrejn minn meta l-awditur Michael Spiteri Bailey, li kien inkarikat mill-qorti, jahlef ir-relazzjoni tieghu. L-awditur halef ir-relazzjoni fis-27 ta` Marzu 2018. It-trasferiment tal-ishma kien formalizzat fl-24 ta` Gunju 2019.

Mhux kontestat illi rikors prezentat mir-rikorrenti fit-3 ta` Settembru 2019 b`talba ghar-revoka *contrario imperio* tal-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 kienet rigettata. Lanqas ma huwa kontestat li r-rikorrenti ma hadux proceduri gudizzjarji ordinarji sabiex jimpunjaw il-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017.

Perit Vassallo qed jippretendi li minkejja l-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 kellu jibqa` jgawdi d-drittijiet ta` azzjonista ta` Regent sal-mument li kien formalizzat it-trasferiment tal-ishma tieghu lill-azzjonisti l-ohra.

**Il-Qorti tirrespingi l-istanza tar-rikorrent abbazi tal-karenza ta` interess guridiku.**

It-trasferiment tal-ishma ta` Regent skatta bil-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017.

Jekk ir-rikorrent deherlu li kellu fuqiex jikkontesta dak il-provvediment kellu rimedji ordinarji effettivi li seta` jirrikorri ghalihom fuq il-linja traccjata fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Jonathan Shaw et pro et noe vs David Alan Shaw et**" fis-27 ta` Novembru 2009, liema linja ta` gurisprudenza kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell stess fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2014 fil-kawza fl-ismijiet "**Suzanne Busuttil et pro et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et**".

Il-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 ghadu fis-sehh.

Li kieku l-Qorti kellha tabbraccja l-argument li bih ir-rikorrent qieghed isostni l-istanza tieghu, tkun qeghda taccetta li jkun perpetrat abbuz tal-procediment gudizzjarju, fis-sens illi ordni moghtija bi provvediment ta` qorti fejn ikun ordnat trasferiment ta` ishma, jigi stultifikat u mfixkel mill-persuna li tkun ordnata tittrasferixxi l-ishma taghha sabiex tiehu vantagg mill-pussess tal-ishma sakemm ikun formalizzat it-trasferiment. Imgieba ta` din ix-xorta, jekk imqar tollerata, timmilita kontra l-effikacja tal-provvediment innifsu. It-termini tal-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 bl-ebda mod ma jistghu jinftehmu li estendew id-drittijiet u l-obbligi ta` xi parti.

Ir-rikorrent jishaq li d-drittijiet tieghu huma akkwiziti u pre-ezistenti l-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017.

Madanakollu jidderigi l-ilment tieghu ghal li gara fit-18 ta` Mejju 2017 meta Regent hadet id-*dividend* taghha bhala azzjonista ta` 51% tal-ishma ta` Winex liema *dividend* tqassam fost l-azzjonisti ta` Regent bl-eskluzjoni tal-Perit Vassallo. Jikkontendi li huwa kien ghadu azzjonista u ghalhekk kellu jircievi sehmu minn dak id-*dividend.*

Il-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 gab fit-tmiem il-partecipazzjoni effettiva tal-Perit Vassallo bhala azzjonista ta` Regent.

**Il-Qorti tghid illi <u>legalment</u> ir-rikorrent Perit Vassallo ma kellux l-interess guridiku sabiex jintavola l-azzjoni odjerna skont l-Art. 402 tal-Kap. 386 b`effett tal-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017.**

**Fi kwalunkwe kaz, u bla hsara ghal dak li nghad fil-paragrafu precedenti, fil-mori tal-kawza, rrizulta li <u>fattwalment ukoll</u> Perit Vassallo lanqas ma baqa` jidher bhala azzjonista ta` Regent.**

**Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Parlato Trigona u l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Carbonaro sejrin jigu milqugha.**

**Konsegwenza ta` dan qeghda tkun milqugha wkoll it-tieni eccezzjoni tal-intimat Carbonaro kif dedotta kontra r-rikorrenti Mariella Vassallo.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti tipprovdi billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Anthony Parlato Trigona u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Anthony Parlato Trigona.**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-intimat Perit William Carbonaro u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Perit William Carbonaro.**

**Tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-intimati l-ohra.**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati kollha.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**